MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28/09

**Il-Ħamis 11 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Caruana – Kunsillier

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

## AĠENDA

28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

28.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

28.4 Post Mortem - Attivita tal-Milied 2025;

28.5 Perforamance Bonus tal-ħaddiema klerikali u s-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2025;

28.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

28.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
- a. Ġnien Raymond Caruana – progress
- b. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja - progress
- c. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
- d. Proġett tal-Housing Estate - progress

28.8 Rapporti;

Abozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026

28.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

28.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti
## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa (5:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 28.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien hemm ittri ta' apoloġija mill-kunsillier S.Caruana minħabba impenji oħra personali.

### 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 27/09 nem con.

**28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

28.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li d-dokument għas-Sejħa għall-Offerti biex issir ix-xogħol ta' tisbiħ fis-soft areas tal-Mitħna HE kien lest u li l-Kunsill qed jaħdem biex dan jiġi ppublikat fil-ġimgħat li ġejjin.

28.3.2 Is-Sindku preżenta l-kwotazzjonijiet sabiex isir fence ġdid mad-dawra tal-pitch fi Ġnien R.Caruana. Il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni biex isir dan ix-xogħol.

28.3.3 Is-Sindku preżenta korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand TM, fejn TM qed jipproponi sabiex Triq Santa Marija tiġi one way. Is-Sindku propona sabiex tintbgħat ittra lir-residenti ta' din it-triq għal feedback minn naħa tagħhom.

28.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li Reġjun Nofsinhar kien qasam diversi kalendarji lill-Kunsill biex dawn jitqassmu lir-residenti.

28.3.5 Is-Sindku preżenta t-talba li l-Kunsill irċieva mingħand l-Arċipriet biex il-Kunsill jgħin fil-Kunċert Annwali tal-Milied li ser isir fid-19 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill approva din it-talba.

28.3.6 Is-Sindku preżenta korrispondenza li ntbgħatet minn Skali Gudja sabiex il-Kunsill jgħin f'diversi attivitajiet li ser jiġu organizzati matul dawn iż-żminijiet ta' festi. Il-Kunsill approva s-somma ta' 150Eur.

28.3.7 Is-Sindku preżenta kwotazzjoni li ntbgħatet mis-Sur Brian Bonnici dwar is-sehem ta' karru tal-Karnival, żeffiena u banda għall-attivita' li ser titella' nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2025. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva li jġieb karru u grupp ta' żeffiena.

28.3 8 Is-Sindku preżenta kwotazzjoni sabiex jiġu nstallati bollards fi Triq Ħal-Resqun skont kif inħareġ il-permess minn TM. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

28.3.9 Is-Sindku preżenta kwotazzjoni li tammonta għal 960.10Eur sabiex jiġu rranġati biss l-vireg tal-stainsless steel li huma mqaċċtin ta' madwar il-gazebo. Dawk preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

28.3.10 Preżentata l-korrispondenza relatata mall-Allokazzjoni għas-sena 2026 għal lokalita' tal-Gudja.

28.3.11 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ż-żewġ ħarġiet li saru matul dawn il-festi tal-Milied kienu ta' suċċess u s-Sindku rringrazzja lil kull min attenda għal dawn l-attivitajiet mtella' mill-Kunsill Lokali.

28.3.12 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien għamel ir-rapporti kollha neċċessarji mall-entitajiet kkonċernati minħabba l-binja li ġġarrfet fi Triq Victor Pasmore minħabba l-maltemp li għamel.

**28.4 Post Mortem - Attivita tal-Milied 2025;**

Is-Sindku qal li l-attivita' kienet waħda tajba u qal li jixtieq li jkun hemm aktar parteċipazzjoni mir-residenti. Is-Sindku rringrazzja lill-istaff tal-Kunsill u lil dawk kollha li taw sehemhom biex din l-attivita' segħtet titella'.

**28.5 Perforamance Bonus tal-ħaddiema klerikali u s-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2025;**

Ġew preżentati l-Performance Appraisal Reports ta' żewġ ħaddiema klerikali –Administration Officer I u Administaration Officer II, liema rapport ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku. Is-Sindku propona sabiex iż-żewġ impjegati jieħdu l-ammont massimu dak ta' 10% u rringrazzjhom tax-xogħol li jagħmlu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Ġie preżentat il-Performance Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv, fejn is-Sindku propona sabiex tingħata l-ammont massimu ta' 10%. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju tax-xogħol li tagħmel. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**28.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

28.6.1 Il-Kunsilliera C Chetcuti staqsiet dwar is-sitwazzjoni tal-magna tal-BCRS. Is-Sindku qal li minn naħa tagħhom kienu nfurmawh bil-fomm li l-Kunsill irid joħroġ madwar tlett t'elef ewro sabiex isir dan l-ispustament.

**28.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali – progress
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

**28.7 Rapporti;**

Abozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026

Ġie preżentat l-Abozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026 li ġie preparat mill-Accountant tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Ġiet mqajjma l-kwistjoni dwar l-ammont ta' flus li huwa dovut mill-Kunsill mingħand il-Wasteserv Malta Ltd. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jmexxi l-każ mall-Obudsman.

28.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Il-pagamenti nru 19/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera M Micallef u sekondata mill-Viċi Sindku A Dalli għall-ammont totali ta' €226,434.94 u ġiet approvata nem con.

**28.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6:15pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta' Jannar 2026

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv